



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0315/2013

1.10.2013

*****I**
RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020 (COM(2012)0782 – C7-0417/2012 – 2012/0364(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Theodor Dumitru Stolojan,

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI	29

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020 (COM(2012)0782 – C7-0417/2012 – 2012/0364(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0782),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0417/2012),

–

- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Marzu 2013¹,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0315/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1a (ġdid)**

¹ ĠU C 161, 6.6.2013, p. 64.

1a. Jirrimarka li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġislattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġislattiva u ma jistax jiġi stabbilit sakemm jintlaħaq qbil rigward il-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020; jenfasizza l-hteġa, għalhekk, li tinholq rabta mill-qrib bejn il-programm ta' finanzjament u l-oġettivi tar-riforma tal-korpi benefiċjarji, fl-interess tal-Unjoni;

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-kriżi fis-swieq finanzjarji li żviluppat sa mill-2008 ressqet il-kwistjoni tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar fiċ-ċentru tal-aġenda politika tal-Unjoni. Qafas ta' rappurtar finanzjarju komuni li jaħdem sew huwa essenzjali għas-suq intern, għat-tħaddim effettiv tas-swieq tal-kapital u għall-ħolqien ta' suq integrat għas-servizzi finanzjarji fl-UE.

Emenda

(2) Il-kriżi fis-swieq finanzjarji li żviluppat sa mill-2008 ressqet il-kwistjoni tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar fiċ-ċentru tal-aġenda politika tal-Unjoni. Qafas ta' rappurtar finanzjarju komuni li jaħdem sew huwa essenzjali għas-suq intern, għat-tħaddim effettiv tas-swieq tal-kapital u għall-ħolqien ta' suq integrat għas-servizzi finanzjarji fl-UE. ***Fid-dawl tal-konklużjonijiet preliminari tal-Kummissjoni għall-Kompetizzjoni tar-Renju Unit dwar is-suq tal-Awditjar Statutorju għal 350 kumpanija mniżżla fl-FTSE fit-22 ta' Frar 2013, l-awdituri, b'mod partikolari, għandhom jiżguraw li huma għalkollox indipendenti mill-emittenti sabiex jiffaċilitaw it-tħaddim effettiv tas-swieq tal-kapital tal-UE u jaħdmu f'isem l-azzjonist, mhux il-maniġment tal-emittent.***

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Minbarra li għandhom rwol ċentrali li jiżguraw li l-investituri jkollhom informazzjoni importanti dwar il-karta tal-bilanċ, id-dikjarazzjoni tal-profit u t-telf u l-fluss tal-flus, il-kontijiet jirrappreżentaw element maġġuri tal-qafas tal-governanza korporattiva. L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jipprevedi li d-diretturi jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet biss minn kontijiet mhux kwalifikati li għalihom r-rekwiżit importanti huwa li jagħtu "stampa vera u ġusta", jew, meta l-kontijiet ikunu kkwalifikati, huma jagħtu l-"istampa vera u ġusta" skont il-kwistjonijiet mhux materjali għal-legalità ta' distribuzzjoni. Bi qbil ma dik id-Direttiva, id-diretturi u l-awdituri jistgħu japprovaw biss kontijiet li jagħtu "stampa vera u ġusta" tal-finanzi ta' kumpanija, li huwa standard li jista' jitkejjel b'mod oġġettiv.

¹. Id-Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpaniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta' kumpaniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 74).

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Huwa importanti li jingħarfu d-differenzi fundamentali bejn it-tradizzjonijiet tal-kontabbiltà tal-Istati Uniti u tal-Unjoni. Is-sistema tal-Istati Uniti, ibbażata fuq ir-regoli, u li ġiet introdotta fl-1933, hija bbażata fuq l-opinjoni inqas wiesgħa li l-kontijiet qegħdin hemm biss biex jipprovdu informazzjoni f'waqtha u affidabbli dwar il-finanzi ta' kumpanija lis-swieq tal-kapital. Is-sistema tal-Unjoni, ibbażata fuq il-prinċipji, mhux biss għandha dan ir-rekwiżit iżda għandha wkoll rwol ħafna aktar ċentrali li tiżgura li d-diretturi ma japprovawx kontijiet illegalment. Għandu jiġi nnutat li qatt ma kien hemm rekwiżit li l-kontijiet ikunu veri u ġusti fil-Prinċipji ta' Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAP) tal-Istati Uniti u tali rekwiżit ma jinstab imkien fil-Qafas Kunċettwali tal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà, minkejja l-fatt li dan huwa l-prinċipju fundamentali tal-liġi tal-kontabbiltà tal-Unjoni. Għalkemm huwa ċar li saru tentattivi mill-IASB biex jintroduċi sistema bbażata fuq il-prinċipji, jeżisti nuqqas ta' qbil dwar jekk konverġenza ma' sistema legalment differenti hijiex possibbli.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 2c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2c) Minbarra li għandhom rwol

fundamentali biex jipproteġu l-interessi tal-azzjonisti u tal-kredituri, il-kontijiet jiffurmaw il-pedament tar-regolamentazzjoni prudenzjali fis-sens li l-inizjattivi tas-servizzi finanzjarji ewlenin kollha jiddependu fuq il-kontijiet tal-kumpaniji, inklużi, ir-Regolament (UE) Nru 648/2012¹ u r-Regolament (UE) Nru 575/2013² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Ir-regolaturi jiddependu fuq it-terminoloġija tal-kontabbiltà biex jifhmu x'riskji qiegħda tieħu kumpanija u għalhekk x'inhu meħtieġ minn dik il-kumpanija.

¹ *Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).*

² *Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).*

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) F'ekonomija globali, hemm il-ħtieġa ta' lingwa globali tal-kontabbiltà. L-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) żviluppatti mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB) huma adottati u użati f'bosta ġurisdizzjonijiet madwar id-dinja. Tali standards internazzjonali tal-kontabbiltà jeħtieġ li jiġu żviluppatti fi proċess

Emenda

(3) F'ekonomija globali, hemm il-ħtieġa ta' lingwa globali tal-kontabbiltà, ***filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ħafna tradizzjonijiet u lingwi tal-kontabbiltà diġà użati. Il-G20 ripetutament talab standards ta' kontabbiltà globali u konverġenza ta' standards ta' kontabbiltà eżistenti u futuri.*** L-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) żviluppatti

responsabbilizzat, trasparenti u demokratiku. Biex jiġi żgurat li l-interessi tal-Unjoni jiġu rispettati u li l-istandards globali jkunu ta' kwalità għolja u kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni, huwa essenzjali li l-interessi tal-Unjoni jitqiesu adegwament f'dak il-proċess tal-istipular tal-istandards internazzjonali.

mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB) huma adottati u użati f'bosta ġurisdizzjonijiet madwar id-dinja, **għalkemm bħalissa m'hemm l-ebda proċess fis-seħħ li jiżgura li l-IFRS ġew implimentati bis-sħiħ f'dawk il-ġurisdizzjonijiet**. Tali standards internazzjonali tal-kontabbiltà jeħtieġ li jiġu żviluppati fi proċess responsabbilizzat, trasparenti u demokratiku. Biex jiġi żgurat li l-interessi tal-Unjoni jiġu rispettati u li l-istandards globali jkunu ta' kwalità għolja u kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni, huwa essenzjali li l-interessi tal-Unjoni jitqiesu adegwament f'dak il-proċess tal-istipular tal-istandards internazzjonali. **Dawk l-interessi jinkludu ż-żamma tal-prinċipju li l-kontijiet għandhom jagħtu "stampa vera u ġusta", filwaqt li jaħdmu lejn definizzjoni standardizzata, u l-użu tal-prinċipju tal-"avvjament"**.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà, l-IFRS għandhom jiġu inkorporati fil-liġi tal-Unjoni biex jiġu applikati mill-kumpaniji b'titoli elenkati f'suq regolat fl-Unjoni, **sakemm** l-IFRS jissodisfaw il-kriterji stipulati f'dak ir-Regolament. L-IFRS għalhekk għandhom rwol ewlieni fil-funzjonament tas-suq intern u għalhekk l-Unjoni għandha interess dirett li tiżgura li l-proċess li permezz tiegħu l-IFRS jiġu żviluppati u approvati, jirriżulta fi standards li jkunu konsistenti mar-rekwiżiti tal-qafas legali

Emenda

(4) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà, l-IFRS għandhom jiġu inkorporati fil-liġi tal-Unjoni biex jiġu applikati mill-kumpaniji b'titoli elenkati f'suq regolat fl-Unjoni, **biss jekk** l-IFRS jissodisfaw il-kriterji stipulati f'dak ir-Regolament **inkluż ir-rekwiżit li l-kontijiet jagħtu "stampa ċara u ġusta" kif stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2013/34/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹**. L-IFRS għalhekk għandhom rwol ewlieni fil-funzjonament tas-suq intern u għalhekk l-Unjoni għandha interess dirett li tiżgura li l-proċess li permezz tiegħu l-IFRS jiġu

tas-suq intern.

żviluppati u approvati, jirriżulta fi standards li jkunu konsistenti mar-rekwiżiti tal-qafas legali tas-suq intern. ***Il-kriterji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², li jinkorpaw il-Qafas Kunċettwali tal-IASB kienu soġġetti għal numru ta' emendi sinifikanti, partikolarment rigward il-kunċett ta' "prudenza" li jinkludi li ma jiddaħħlux fil-kotba profitti mhux realizzati, u l-qadi tal-interessi tal-azzjonisti ("stewardship"), li jinkludi l-funzjoni taż-żamma tal-kapital tal-kontijiet.***

¹ ***Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjari annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).***

² ***Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).***

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) L-IFRS jinħarġu mill-IASB u l-interpretazzjonijiet relatati jinħarġu mill-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet tal-IFRS, żewġ korpi fil-Fondazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju.

Emenda

(5) L-IFRS jinħarġu mill-IASB u l-interpretazzjonijiet relatati jinħarġu mill-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet tal-IFRS, żewġ korpi fil-Fondazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju.

Għalhekk huwa importanti li jiġu stabbiliti arranġamenti ta' finanzjament xierqa għall-Fondazzjoni tal-IFRS.

Għalhekk huwa importanti li jiġu stabbiliti arranġamenti ta' finanzjament xierqa għall-Fondazzjoni tal-IFRS. **Dawk l-arranġamenti ta' finanzjament jiddependu fuq jekk il-Fondazzjoni tal-IFRS u l-IASB jimplimentawx il-proposti tal-Unjoni rigward il-governanza tagħhom; jekk il-kunċetti ta' kontabbiltà tal-Unjoni, partikolarment rigward il-"prudenza" u r-rekwiżit għal "stampa vera u ġusta" humiex meqjusa kif xieraq fir-reviżjoni tal-Qafas Kunċettwali; jekk l-IASB jiddeċidix li ma jinkludix dawk il-kunċetti fil-Qafas Kunċettwali rivedut; u jekk l-IASB jipprovdix raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, inkluża l-pubblikazzjoni tad-dettalji tal-ġurisdizzjonijiet, organizzazzjonijiet mhux governattivi, impriżi jew partijiet interessati oħra, li oġġezzjonaw għal dawk il-kunċetti.**

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) twaqqaf fl-2001 minn organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw lill-emittenti, l-investituri u l-professjoni tal-kontabbiltà involuti fil-proċess ta' rappurtar finanzjarju. Skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, l-EFRAG **tipprovd** lill-Kummissjoni b'opinjonijiet dwar jekk standard tal-kontabbiltà maħruġ mill-IASB jew interpretazzjoni maħruġa mill-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet tal-IFRS, li għandhom jiġu approvati, jikkonformawx mal-kriterji tal-approvazzjoni stipulati f'dak ir-Regolament. **L-EFRAG qiegħed ukoll jieħu r-rwol tal-'vuċi unika tal-Ewropa dwar il-kontabbiltà' fl-arena globali. F'dik il-kapaċità, l-EFRAG jipprovd**

Emenda

(6) Il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) twaqqaf fl-2001 minn organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw lill-emittenti u l-professjoni tal-kontabbiltà involuti fil-proċess ta' rappurtar finanzjarju. Skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, l-EFRAG **jipprovd** lill-Kummissjoni b'opinjonijiet dwar jekk standard tal-kontabbiltà maħruġ mill-IASB jew interpretazzjoni maħruġa mill-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet tal-IFRS, li għandhom jiġu approvati, jikkonformawx mal-kriterji tal-approvazzjoni stipulati f'dak ir-Regolament.

input għall-proċess tal-IASB tal-istipular tal-istandards.

Emenda 10

**Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Abbażi ta' Arranġamenti ta' ħidma mal-Kummissjoni (2006) u d-deċiżjoni ta' finanzjament tal-2010-2013, l-EFRAG ser jieħu r-rwol ta' vuċi unika tal-Ewropa dwar il-kontabbiltà fix-xena globali. F'dik il-kapaċità, l-EFRAG jipprovdi input għall-proċess tal-IASB tal-istipular tal-istandards. Sabiex l-EFRAG iwettaq dan ir-rwol, għandu jiġi espost għall-opinjonijiet kollha possibbli fl-Unjoni matul il-proċess dovut, fejn dawk li jistabbilixxu l-istandards u r-regolaturi nazzjonali kif ukoll partijiet interessati oħra, għandhom rwol essenzjali minħabba d-differenzi sinifikanti ta' opinjoni li diġà jeżistu bejn l-Istati Membri u d-diversi partijiet interessati. L-interazzjonijiet kollha tal-EFRAG mal-IASB għandhom ikunu trasparenti bis-siħ u kull deċiżjoni tal-EFRAG għandha tittieħed wara konsultazzjoni sħiħa ma' dawk li jistabbilixxu l-istandards nazzjonali.

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Premessa 7**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) B'kunsiderazzjoni tar-rwol ewleni tal-EFRAG li jsostni l-liġi u l-politika tas-suq intern u li jirrappreżenta l-interessi

(7) B'kunsiderazzjoni tar-rwol tal-EFRAG li jivvaluta jekk l-IFRS jikkonformawx mar-reqwiżit tal-politika tal-Unjoni dwar

Ewropej fil-proċess tal-istipular tal-istandards fil-livell internazzjonali, jinħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament stabbli għall-EFRAG u għalhekk tikkontribwixxi għall-finanzjament tiegħu.

*il-kumpaniji, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, jinħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament stabbli għall-EFRAG u għalhekk tikkontribwixxi għall-finanzjament tiegħu. **Peress li l-EFRAG qed jieħu aktar responsabilitajiet biex jinfluwenza lill-IASB apparti li jwettaq il-kompitu bażiku tiegħu rikjest mir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Marzu 2014, abbażi wkoll tal-konklużjonijiet tal-konsulent speċjali għall-Kummissarju għas-Suq Intern u s-Servizzi. Dik il-proposta leġiżlattiva għandha tirreferi għall-bidliet meħtieġa fir-rigward tal-governanza tal-EFRAG, ir-rwol tal-provvediment tal-input lill-IFRS, ir-relazzjoni bejn l-EFRAG, dawk li jistabbilixxu l-istandards nazzjonali u l-ARC. L-arranġamenti ta' finanzjament fit-tul għall-EFRAG għandhom jiġu kkonfermati meta jsiru l-bidliet li jinsabu fil-proposta leġiżlattiva.***

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-korpi li jaħdmu fil-qasam tal-kontabbiltà u tal-awtidjar jiddependu ħafna fuq il-finanzjament u għandhom rwoli importanti fl-Unjoni, rwoli li huma deċiżivi għall-funzjonament tas-suq intern. Il-benefiċjarji proposti tal-Programm stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE kienu ġew kofinanzjati b'għotjiet operattivi mill-baġit tal-Unjoni, li ppermettewlhom iżidu l-indipendenza tagħhom mis-settur privat u ***l-finanzjament*** ad hoc, u b'hekk iżidu l-kapaċità u l-kredibbiltà tagħhom.

Emenda

(10) Il-korpi li jaħdmu fil-qasam tal-kontabbiltà u tal-awtidjar jiddependu ħafna fuq il-finanzjament u għandhom rwoli importanti fl-Unjoni, rwoli li huma deċiżivi għall-funzjonament tas-suq intern. Il-benefiċjarji proposti tal-Programm stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE kienu ġew kofinanzjati b'għotjiet operattivi mill-baġit tal-Unjoni, li ppermettewlhom iżidu l-indipendenza ***finanzjarja*** tagħhom mis-settur privat u ***sorsi*** ad hoc, u b'hekk iżidu l-kapaċità u l-kredibbiltà tagħhom. ***Il-finanzjament pubbliku fih innifsu madankollu m'għandux jitqies li kkonferma din l-indipendenza mis-settur***

privat. B'mod partikolari, għandha tkun meħtieġa trasparenza akbar fir-rigward tas-sħubija tal-bordijiet ta', fost l-oħrajn, l-IASB u l-EFRAG biex tiżgura li l-partijiet interessati kollha jkunu rrappreżentati fil-proċess ta' konferma. L-impjegati kollha tal-EFRAG u l-IASB għandhom ikunu obbligati jiddikjaraw interessi jew impenji finanzjarji jew tal-impjeg rilevanti oħrajn.

Ġustifikazzjoni

Importanti li jiġi enfasizzat li l-finanzjament pubbliku ma jfissirx bilfors li l-benefiċjarji m'għadx għandhom "rabtiet" ma' interessi tas-settur privat.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-esperjenza wriet li l-kofinanzjament tal-Unjoni jiżgura li dawn il-benefiċjari jibbenefikaw minn finanzjament ċar, stabbli, diversifikat, sod u adegwat u dan jikkontribwixxi biex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jwettqu l-missjoni tagħhom ta' interess pubbliku b'mod indipendenti u effiċjenti. Għalhekk, għandu jkompli jingħata finanzjament suffiċjenti permezz ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni lejn il-funzjonament tal-istipular ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà u l-awditjar, u b'mod partikolari lill-Fondazzjoni tal-IFRS, l-EFRAG u l-PIOB.

Emenda

(11) L-esperjenza wriet li l-kofinanzjament tal-Unjoni jiżgura li dawn il-benefiċjari jibbenefikaw minn finanzjament ċar, stabbli, diversifikat, sod u adegwat u dan jikkontribwixxi biex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jwettqu l-missjoni tagħhom ta' interess pubbliku b'mod indipendenti u effiċjenti. Għalhekk, għandu jkompli jingħata finanzjament suffiċjenti permezz ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni lejn il-funzjonament tal-istipular ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà u l-awditjar, u b'mod partikolari lill-Fondazzjoni tal-IFRS, l-EFRAG u l-PIOB. ***Dawk l-arranġamenti ta' finanzjament jiddependu fuq jekk il-Fondazzjoni tal-IFRS u l-IASB jimplimentawx il-proposti tal-Unjoni rigward il-governanza tagħhom; jekk il-kunċetti ta' kontabbiltà tal-Unjoni, partikolarment rigward il-"prudenza" u r-rekwiżit għal "stampa vera u ġusta" humiex meqjusa kif xieraq fir-reviżjoni tal-Qafas Kunċettwali; jekk l-IASB***

jiddeċidix li ma jinkludix dawk il-kunċetti fil-Qafas Kunċettwali rivedut; u jekk l-IASB jipprovdi raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, inkluża l-pubblikazzjoni tad-dettalji tal-ġurisdizzjonijiet, NGOs, impriżi jew partijiet interessati oħra, li oġġezzjonaw dawk il-kunċetti. Il-benefiċjarji għandhom jiżguraw l-użu ekonomiku tal-fondi pubbliċi.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Barra mit-tibdil tax-xejriet tal-finanzjament tagħhom, il-Fondazzjoni tal-IFRS u l-EFRAG għaddew minn riformi ta' governanza biex jiġi żgurat li bl-istrutturi u l-proċessi tagħhom jaqdu l-missjoni tagħhom ta' interess pubbliku b'mod indipendenti, effiċjenti, trasparenti u demokratikament responsabbli. Fir-rigward tal-Fondazzjoni tal-IFRS, il-Bord tal-Monitoraġġ inħoloq fl-2009 biex jiżgura r-responsabbiltà u s-sorveljanza pubblika, issaħħet l-effikaċja tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Istandards, ittejbet it-trasparenza u l-irwol tal-valutazzjonijiet tal-impatt ġie fformalizzat bħala parti mill-proċess dovut tal-IASB.

Emenda

(12) Barra mit-tibdil tax-xejriet tal-finanzjament tagħhom, il-Fondazzjoni tal-IFRS u l-EFRAG għaddew minn riformi ta' governanza biex jiġi żgurat li bl-istrutturi u l-proċessi tagħhom jaqdu l-missjoni tagħhom ta' interess pubbliku b'mod indipendenti, effiċjenti, trasparenti u demokratikament responsabbli. Fir-rigward tal-Fondazzjoni tal-IFRS, il-Bord tal-Monitoraġġ inħoloq fl-2009 biex jiżgura r-responsabbiltà u s-sorveljanza pubblika, issaħħet l-effikaċja tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Istandards, ittejbet it-trasparenza u l-irwol tal-valutazzjonijiet tal-impatt ġie fformalizzat bħala parti mill-proċess dovut tal-IASB. *L-isforzi biex itejbu l-mod ta' kif inħuma rregolati dawk il-korpi se jtkomplew. Il-Kummissjoni għandha tipproponi bidliet fil-governanza tal-EFRAG, b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-konsulent speċjali għall-Kummissarju tas-Suq Intern u fil-governanza tal-Fondazzjoni tal-IFRS u l-IASB abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-esperti indipendenti mqabba mill-Kummissjoni biex jipprovdu analiżi ġenerali tal-impatt tal-użu ta' tmien snin*

tal-IFRS fl-Unjoni fit-thejgħa u l-użu tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji mis-settur privat. Dik l-analiżi se tkun wieħed mill-inputs li l-Kummissjoni se tuża għall-evalwazzjoni tagħha tar-Regolament tal-IAS matul l-2014. Minħabba li l-proġett ta' konverġenza mal-Istati Uniti waqaf, ikun xieraq għall-IASB li terġa' tivvaluta l-presenza tal-Istati Uniti fl-IASB.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Il-programm ta' kofinanzjament li se jiġi stabbilit b'dan ir-Regolament huwa mistenni jikkontribwixxi għall-għanijiet li jiġu żgurati l-komparabbiltà u t-trasparenza tal-kontijiet tal-kumpaniji madwar l-UE, **għall-armonizzazzjoni** globali tal-istandards tar-rappurtar finanzjarju billi **jippromwovi** l-aċċettazzjoni internazzjonali tal-IFRS, kif ukoll li **jippromwovi** l-konverġenza u standards internazzjonali ta' kwalità għolja għall-awditjar fl-Istati Membri kollha. Dan il-programm jikkontribwixxi wkoll għall-istrateġija Ewropa 2020 billi jsaħħaħ is-suq uniku tas-servizzi finanzjarji u tal-kapital, u jikkontribwixxi wkoll għad-dimensjoni esterna tal-istrateġija.

Emenda

(15) Il-programm ta' kofinanzjament li se jiġi stabbilit b'dan ir-Regolament huwa mistenni jikkontribwixxi għall-għanijiet li jiġu żgurati l-komparabbiltà u t-trasparenza tal-kontijiet tal-kumpaniji madwar l-UE, **billi l-bżonnijiet tal-Unjoni jinstemgħu fil-kuntest tal-armonizzazzjoni** globali tal-istandards tar-rappurtar finanzjarju. **Vuċi unika Ewropea se tgħin tippromwovi** l-aċċettazzjoni internazzjonali tal-IFRS, kif ukoll li **tippromwovi** l-konverġenza u standards internazzjonali ta' kwalità għolja għall-awditjar fl-Istati Membri kollha. Dan il-programm jikkontribwixxi wkoll għall-istrateġija Ewropa 2020 billi jsaħħaħ is-suq uniku tas-servizzi finanzjarji u tal-kapital, u jikkontribwixxi wkoll għad-dimensjoni esterna tal-istrateġija.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi

Emenda

(16) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi

għall-possibbiltà ta' kofinanzjament tal-attivitajiet ta' ċerti korpi li jsegwu *oġġettiv* li jiffirma parti minn politika tal-Unjoni, u jsostniha, fil-qasam tat-tfassil tal-istandards, l-adottar ta' standards jew is-superviżjoni tal-proċessi tal-istipular tal-istandards relatati mar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar.

għall-possibbiltà ta' kofinanzjament tal-attivitajiet ta' ċerti korpi li jsegwu *objettiv* li jiffirma parti minn politika tal-Unjoni, u jsostniha, fil-qasam tat-tfassil tal-istandards, l-adottar ta' standards jew is-superviżjoni tal-proċessi tal-istipular tal-istandards relatati mar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar. ***Dak il-kofinanzjament għandu jingħata lill-korpi kkonċernati biss jekk ikun ċar li l-kunċetti ta' kontabbiltà tal-Unjoni, partikolarment rigward il- "prudenza" u r-rekwiżit għal "stampa vera u ġusta" huma meqjusa kif xieraq fir-reviżjoni tal-Qafas Kunċettwali;***

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-finanzjament mill-Unjoni qed jiġi propost għal għadd iddefinit sew u limitat tal-aktar korpi importanti fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u tal-awditjar. Fil-qafas istituzzjonali attwali, l-arranġamenti ta' finanzjament għandhom jiżguraw finanzjament stabbli, diversifikat, sod u adegwat sabiex ikun possibbli li l-korpi rilevanti jwettqu l-missjoni tagħhom b'rabta mal-Unjoni jew fl-interess pubbliku b'mod indipendenti u effiċjenti.

Emenda

(17) Il-finanzjament mill-Unjoni qed jiġi propost għal għadd iddefinit sew u limitat tal-aktar korpi importanti fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u tal-awditjar. Fil-qafas istituzzjonali attwali, l-arranġamenti ta' finanzjament għandhom jiżguraw finanzjament stabbli, diversifikat, sod u adegwat sabiex ikun possibbli li l-korpi rilevanti jwettqu l-missjoni tagħhom b'rabta mal-Unjoni jew fl-interess pubbliku b'mod indipendenti u effiċjenti. ***Dawk il-korpi għandhom jibbenefikaw mill-finanzjament Ewropew biss jekk kull sena jirrappurtaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni Ewropea b'mod trasparenti għalkollox dwar sorsi oħra ta' finanzjament.***

Emenda 18

Proposta għal regolament

Premessa 19

(19) Sabiex jiġu promossi l-interessi tal-Unjoni fl-oqsma tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar u biex tadatta b'mod flessibbli għall-bidliet eventwali fil-governanza u dawk istituzzjonali f'dawk l-oqsma, għandha tiġi ddelegata s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea lill-Kummissjoni fir-rigward tal-għażla ta' beneficijarji ġodda għall-Programm. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejji tagħha, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

imħassar

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

(20a) Għandu jitwettaq rieżami sal-31 ta' Marzu 2014 biex jidentifika jekk IFRS eżistenti u, b'mod partikolari, il-Qafas Kunċettwali tal-IASB jissodisfawx jew le r-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni dwar il-kumpaniji. F'dak ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha tesplora l-possibbiltà li tintroduċi standards ta' responsabbiltà aktar stretti għad-diretturi u l-awdituri u regola obbligatorja legalment vinkolanti "vera u ġusta" li jekk il-kontijiet imħejji f'konformità mal-IFRS ma jagħtux stampa "vera u ġusta", il-kontijiet ma jistgħux jiġu approvati. Dan ir-rieżami għandu jiżgura wkoll li arranġamenti ta' governanza

eżistenti fl-IASB jkunu mġedda biex jiġi żgurati li l-interessi u l-impenji kollha tas-settur privat ikunu magħmula pubbliċi b'mod sħiħ.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-programm ikopri l-attivitajiet *ta' iżvilupp jew ta' input mogħti għall-iżvilupp ta' standards, l-applikazzjoni, il-valutazzjoni jew il-monitoraġġ tal-istandards jew is-sorveljanza tal-istipular tal-istandards* b'sostenn għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar.

Emenda

2. Il-programm ikopri l-attivitajiet *tal-Fondazzjoni tal-IFRS, li, permezz tal-IASB, jiżviluppa l-IFRS, l-EFRAG li jivvaluta jekk standard tal-IFRS jikkonformax jew le mal-liġi tal-Unjoni dwar il-kumpaniji bħala parti mill-proċess ta' konferma tal-Unjoni u jipprovdi inputs għall-iżvilupp tal-istandards, u l-PIOB, li jissorvelja l-awditu internazzjonali, l-istandards tal-etika u l-edukazzjoni għall-professjoni tal-kontabbiltà* b'sostenn għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-korpi li jaħdmu fil-qasam tal-kontabbiltà u l-awditjar u li jirċievu finanzjament mill-Unjoni permezz ta' dan il-Programm għandu jkollhom id-dmir li jiżguraw l-indipendenza tagħhom u l-użu ekonomiku tal-fondi pubbliċi, irrISPETTIVAMENT mill-finanzjamenti differenti li jistgħu jirċievu.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-għan tal-programm huwa li **jittejbu l-kundizzjonijiet** għat-tħaddim tas-suq intern billi jappoġġja l-iżvilupp trasparenti u indipendenti ta' standards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar.

Emenda

1. L-għan tal-programm huwa li **jtejjeb il-kundizzjonijiet** għat-tħaddim tas-suq intern, **jippermetti lir-regolaturi li jinfurzaw regolamentazzjoni prudenzjali u jsaħħaħ il-governanza korporattiva** billi jappoġġja l-iżvilupp trasparenti u indipendenti ta' standards internazzjonali tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Dan l-għan se jkun imkejjel b'mod partikolari bl-għadd ta' pajjiżi li jużaw l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) u l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISA).

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

Tali numru ma jservi għall-ebda skop utli u ma jistax jitqies bħala punt ta' riferiment effettiv biex juri s-suċċess ta' IFRS jew ISA.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-

Emenda

imħassar

Artikolu 9 biex tagħżel benefiċjarji ġodda għall-Programm u biex temenda l-paragrafu 1 kif xieraq.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Kwalunkwe *benefiċjarju ġdid għandu jkun persuna ġuridika bla skop ta' qligħ li jsegwi għan li jagħmel parti minn u jappoġġja politika tal-Unjoni fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar u għandu jkun suċċessur dirett ta' wieħed mill-benefiċjarji elenkati fil-paragrafu 1.*

Emenda

3. Kwalunkwe *finanzjament ta' benefiċjarji ġodda, anke jekk ikunu suċċessuri diretti ta' wieħed mill-benefiċjarji elenkati fil-paragrafu 1, għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 294 tat-TFUE.*

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-finanzjament skont il-Programm għandu jiġi pprovdut fil-forma ta' għotjiet operazzjonali.

Emenda

1. Il-finanzjament skont il-Programm għandu jiġi pprovdut fil-forma ta' għotjiet operazzjonali, *għandu jingħata fuq bażi annwali, u għandu jkun kondizzjonali għall-konformità mal-kriterji relatati mal-objettivi u l-kontenut tal-istandards, u mal-kriterji li jikkonċernaw l-iżviluppi fil-governanza tal-Unjoni, jiġifieri dwar l-EFRAG, il-Fondazzjoni tal-IFRS u l-IASB.*

2. *Il-kriterji relatati mal-istandards u l-governanza għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji li ġejjin:*

(a) dwar l-EFRAG u partijiet interessati oħra tal-istandards ta' kontabbiltà tal-Unjoni:

(i) ir-rekwiżit ta' konformità mal-interess

tal-Unjoni u r-rekwiżit ta' "stampa vera u ġusta" stabbiliti fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002, li għandhom jiġu rieżaminati malajr kemm jista' jkun abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, sal-31 ta' Marzu 2014, u mhux biss biex tiġi skrutinizzata l-kwalità tal-istandards abbażi tal-kriterji stess tal-IASB, biex jiġi ċċekkjat li huma bbażati fuq l-evidenza u li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Unjoni, b'kunsiderazzjoni tad-diversità tal-mudelli u l-opinjoni ta' kontabbiltà u ekonomiċi fl-Unjoni, u għalhekk biex jiġi vvalutat l-impatt tagħhom fuq l-ekonomija u l-istabilità finanzjarja;

(ii) ir-rekwiżit tad-diversifikazzjoni tal-gruppi ta' esperti bħall-Grupp ta' Esperti Tekniċi (TEG) tal-EFRAG (rakkomandazzjoni ta' Maystadt);

(iii) ir-rekwiżit li l-EFRAG jillimita lillunifsu għall-istandards tal-IFRS (rakkomandazzjoni ta' Maystadt); kif ukoll

(b) dwar il-Fondazzjoni tal-IFRS u l-IASB, ir-rekwiżit ta' inkorporazzjoni mill-ġdid, fejn ikun xieraq, fil-Qafas Kunċettwali li bħalissa jinsab fil-proċess li jiġi emendat, il-prinċipji ta' prudenza u affidabbiltà, flimkien ma' kwalunkwe bidla għall-istandards biex jirriflettu dawk ir-reviżjonijiet fil-qafas kunċettwali, sabiex, b'mod partikolari, jiġu rrappreżentati aħjar il-mudelli attwali ta' negozju abbażi ta' fatti ekonomiċi pjuttost milli kunċetti, u b'hekk tiġi evitata l-kumplessità, u ma jiġux introdotti preġudizzji għal terminu qasir u ta' volatilità fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

3. Il-Kummissjoni għandha twettaq, darba fis-sena, valutazzjoni dwar jekk il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 humiex issodisfati u jekk il-benefiċjarji kisbux l-għanijiet stabbiliti fil-Programm. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar dawk il-valutazzjonijiet fil-programmi ta' ħidma annwali tagħha, imsemmija fl-

Artikolu 7(2), u fil-proposta leġiżlattiva tagħha dwar il-governanza tal-EFRAG, kif imsemmi fil-paragrafu 2(a)(i), Fir-rigward tal-EFRAG u partijiet interessati oħra tal-istandards ta' kontabbiltà fl-UE, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll jekk l-interessi tal-Unjoni humiex meqjusa sew fil-proċess internazzjonali tal-istabbiliment tal-istandards u fil-proċess ta' infurzar. Dawk l-interessi għandhom jinkludu l-prinċipju ta' "prudenza", iż-żamma tar-rekwiżit ta' "stampa vera u ġusta" u l-kunsiderazzjoni tal-impatt fuq l-istabilità finanzjarja u l-ekonomija. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi ppreżentata u teħtieġ tiġi approvata mill-Parlament Ewropew.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Kull benefiċjarju ta' finanzjament mogħti skont il-Programm għandu jindika f' post prominenti, bħal websajt, pubblikazzjoni jew rapport annwali, li jkun irċieva finanzjament mill-baġit tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

I. Kull benefiċjarju ta' finanzjament mogħti skont il-Programm għandu jindika f' post prominenti, bħal websajt, pubblikazzjoni jew rapport annwali, li jkun irċieva finanzjament mill-baġit tal-Unjoni Ewropea **kif ukoll jagħti rendikont dettaljat tal-finanzjament l-ieħor minn sorsi alternattivi.**

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ia. **Spejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż relatati għandhom jiġu ppubblikati wkoll. Ir-**

rimborż bl-użu ta' fondi tal-Unjoni għandu jippermetti vjaġġar bl-ajru fil-business class għal vjaġġi ta' aktar minn erba' s'għat biss.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu 2014-2020 huwa ta' EUR 58 010 000 fi prezzijiet attwali.

Emenda

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu 2014-2020 huwa ta' EUR 58 010 000 fi prezzijiet attwali. ***Dik iċ-ċifra tista' titnaqqas jew tiġi aġġustata jekk il-Kummissjoni ssib li l-benefiċjarji ma kisbux l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1).***

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Sabiex timplimenta l-programm il-Kummissjoni tadotta programmi ta' ħidma annwali. Dawn il-programmi jistipulaw l-għanijiet li jridu jintlaħqu, ir-riżultati mistennija u l-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li se jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni. Fir-rigward tal-għotjiet, dawn jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' evalwazzjoni u r-rata massima ta' kofinanzjament.

Emenda

2. Sabiex timplimenta l-Programm il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali ***permezz ta' atti delegati.*** Dawn il-programmi ***għandhom*** jistipulaw l-għanijiet li jridu jintlaħqu, ir-riżultati mistennija u l-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. ***Għandhom*** jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li se jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni. Fir-rigward tal-għotjiet, dawn ***għandhom*** jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' evalwazzjoni u r-rata massima ta' kofinanzjament. ***Dak il-programm ta' ħidma annwali għandu***

jkun ibbażat fuq analiżi konċiża tal-programm ta' ħidma annwali preċedenti.

Emenda 31

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ia. Sal-31 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni għandha tissottometti l-ewwel rapport dwar riformi tal-governanza neċessarji fil-qasam tal-informazzjoni ta' kontabbiltà u finanzjarja (EFRAG u ARC) ibbażat, fost l-oħrajn, fuq il-konklużjonijiet tal-konsulent speċjali tal-Kummissarju għas-Suq Intern, mistenni mhux aktar tard minn Novembru 2013.

Emenda 32

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ib. Il-Kummissjoni għandha tevalwa r-Regolament (KE) Nru 1606/2002, b'kunsiderazzjoni wkoll tal-analiżi ġenerali tal-impatt tal-użu ta' tmien snin tal-IFRSs fl-Unjoni. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Marzu 2014, tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex temenda r-Regolament (KE) Nru 1606/2002 u, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva dwar ir-riforma fil-qasam tal-informazzjoni tal-kontabbiltà u finanzjarja.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. Fir-rigward tal-PIOB (jew l-organizzazzjoni suċċessiva tiegħu), il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżviluppi annwali fid-diversifikazzjoni tal-finanzjamenti osservati għall-ewwel darba fl-2013 u mbagħad kull sena sussegwenti. Fil-każ li l-finanzjament mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jerġa' jilħaq żewġ terzi tal-finanzjament totali, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta biex tillimita l-kontribuzzjoni annwali tagħha għal EUR 300 000 għal kull sena li jkun għad fadal mill-perjodu ta' finanzjament.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1d. Sa Ġunju 2019, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-ilħuq tal-għanijiet tal-Programm. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha teżamina, fost l-oħrajn, ir-rilevanza u l-koerenza ġenerali tal-Programm, l-effikaċja tal-implimentazzjoni tiegħu u l-effikaċja ġenerali u individwali tal-programm ta' ħidma annwali tal-benefiċjarji rigward l-ilħuq tal-għanijiet kif stipulati fl-Artikolu 2.

5.6.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI

għall-Kumitat għall-Affarijjet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020
(COM(2012)0782 – C7-0417/2012 – 2012/0364(COD))

Rapporteur: Dimitar Stoyanov

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fl-2009, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw Programm Komunitarju biex isostni attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju, li permezz tiegħu jiġi pprovdut finanzjament suffiċjenti permezz ta' kontribut Komunitarju għall-funzjonament tal-Kumitati ta' Sorveljanza u jitwaqqfu standards internazzjonali tal-kontabilità u l-awditjar, b'mod partikolari għall-Fondazzjoni tal-Kumitat tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASCF), il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) u l-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB). Dak il-Programm se jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013. L-għan ta' din il-proposta għal Regolament huwa li ġġedded dak il-Programm għall-qafas finanzjarju li jmiss (2014-2020) u tippermetti kontribuzzjonijiet diretti għall-finanzjament tal-benefiċjarji tal-Programm mill-baġit tal-Unjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Il-kofinanzjament Komunitarju jiżgura li l-benefiċjarji jkunu jistgħu jwettqu l-missjoni ta' interess pubbliku tagħhom b'mod indipendenti u effiċjenti billi jirċievu finanzjament ċar, stabbli, diversifikat, sod u adegwat li jippermettilhom joqogħdu fuq l-esperjenza speċjalizzata meħtieġa meta tiġi ġestita l-informazzjoni u li jipproċessawha skont l-oġhla standards ta' kwalità. Għalhekk, l-adozzjoni ta' din il-proposta għal regolament tal-Kummissjoni hija partikolarment importanti għat-titjib tal-kundizzjonijiet għall-funzjonament tas-suq uniku permezz tal-appoġġ tal-operazzjonijiet, l-azzjonijiet u l-attivitajiet tal-korpi tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju msemmija qabel.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijjet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Kull benefiċjarju ta' finanzjament mogħti skont il-Programm għandu jindika f' post prominenti, bħal websajt, pubblikazzjoni jew rapport annwali, li jkun irċieva finanzjament mill-baġit tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

Kull benefiċjarju ta' finanzjament mogħti skont il-Programm għandu jindika f' post prominenti, bħal websajt, pubblikazzjoni jew rapport annwali, li jkun irċieva finanzjament mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, ***u jispjega l-ammont f' termini reali u bħala perċentwal tal-finanzjament totali.***

Emenda 2

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(2) jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' ***xahrejn*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak *il-perjodu* għandu jiġi estiż ***b'xahrejn*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

(5) Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(2) jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' ***tliet xhur*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak *il-perjodu* għandu jiġi estiż ***bi tliet xhur*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi estiż iż-żmien previst li fih jistgħu jitqajmu l-oġġezzjonijiet, sabiex il-Parlament u l-Kunsill ikunu jistgħu jistudjaw bir-reqqa l-att delegat u jiddeterminaw jekk l-adozzjoni tiegħu f'dik il-forma hijiex xierqa u korretta.

PROĊEDURA

Taqsim	Programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020	
Referenzi	COM(2012)0782 – C7-0417/2012 – 2012/0364(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 15.1.2013	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 15.1.2013	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Dimitar Stoyanov 22.1.2013	
Eżami fil-kumitat	19.3.2013	24.4.2013
Data tal-adozzjoni	30.5.2013	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22	–: 0
	0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mary Honeyball, Eva Lichtenberger, József Szájer, Axel Voss	

PROĊEDURA

Titolu	Programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020	
Referenzi	COM(2012)0782 – C7-0417/2012 – 2012/0364(COD)	
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	19.12.2012	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 15.1.2013	

Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 15.1.2013	CONT 15.1.2013	JURI 15.1.2013
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċizzjoni	BUDG 14.1.2013	CONT 30.1.2013	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Theodor Dumitru Stolojan 14.1.2013		
Eżami fil-kumitat	20.3.2013	24.4.2013	7.5.2013 5.9.2013
Data tal-adozzjoni	24.9.2013		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	44 0 1	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marino Baldini, Jean-Paul Basset, Udo Bullmann, George Sabin Cutaş, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Syed Kamall, Othmar Karas, Wolf Klinz, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Ivana Maletić, Marlene Mizzi, Sławomir Nitrás, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Zdravka Bušić, Ashley Fox, Robert Goebbels, Enrique Guerrero Salom, Olle Ludvigsson, Petru Constantin Luhan, Astrid Lulling, Thomas Mann, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Andreas Schwab, Nils Torvalds		
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Rita Borsellino		
Data tat-tressiq	1.10.2013		